**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

**GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem**

**Avviz Nru 19/2015**

**Go Plc**
**Vs**
**Horner Arthur Albert George**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2015

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€321.87), import ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo tnejn (2) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tmintax (18), ghoxrin (20) u tnejn u ghoxrin (22) u tal-process. Il-konvenut ma prezenta qatt risposta.

Ra' illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma' deherx.

Ra' u sema' l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digriet tieghu tal-hamsa u ghoxrin ta' Settembru, elfejn u hmistax (25.09.2015) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont' u fil-gurnal 'Times of Malta'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Iilli fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin ta' Settembru, elfejn u hmistax (25.09.2015) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€321.87), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

Kevin Mompalao
Gudikatur

Daniel Sacco
D/Registratur